**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 277/2018 RM**

**Sylvana Brannon**

**vs**

**Annabelle Grech u Hubert David Grech**

**Illum, 28 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Novembru 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimati prevja dikjarazzjoni ta' dina l-Qorti illi f'okkazzjonijiet fuq medda ta' zmien bejn it-2 ta' Mejju u s-6 ta' Gunju 2017, (1) permezz ta' telefonata lill-ufficjali tal-Agenzija APPOGG "on call" l-intimati taw taghrif falz u malafamanti dwar il-qaghda tat-tfal taghha; (2) waqt inkontru kontra l-Ligi ma' l-espert tal-Qorti Andreana Gellel, Senior Social Worker u ufficjal mal-Agenzija Appogg bil-hsieb li jaghmlu hsara lir-reputazzjoni tar-rikorrenti, itellfulha giehha u bil-hsieb li jinfluwixxu fuq l-istess Andreana Gellel u jaghmlu pressjoni fuqha biex ma tixhidx is-sewwa wara li pprezentat ir-rapport taghha lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), l-intimati immalafamaw lil Sylvana Brannon u ngurjawha

gravement, f'liema ghanijiet diffamatorji l-intimati rnexxew, u dan ukoll in vista tal-fatt li Annabelle Grech u l-esperta gudizzjarja Andreana Gellel kienu hadmu flimkien. Dawn il-komunikazzjonijiet illegali fl-intier taghhom gew ghall-konoxxenza tar-rikorrenti fit-2 ta' Lulju 2018.

Barra minn hekk, bl-animu li jaghmlu l-hsara lir-rikorrenti, l-intimati wkoll immalafamaw lir-rikorrenti billi holqu jew geghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra r-rikorrenti, u dan billi geghlu lill-espert tal-Qorti temmen dawk l-allegazzjonijiet u ppruvaw ma jhallux lix-xhud u espert gudizzjarju taghti t-taghrif jew provi mehtiega fi proceduri civili in konnessjoni mal-inkarigu taghha.

Tikkundanna lil kull wiehed u wahda mill-intimati biex ihallsu lir-rikorrenti dik is-somma li joghgobha tistabilixxi dina l-Qorti bhala danni morali ghall-ingurja gravi subita, u dan a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li qeghdin jigu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti, inkluz it-tehid ta' passi kriminali kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-konvenut Hubert David Grech pprezentata nhar id-9 ta' Jannar 2019 fejn ecceppixxa illi:

*It-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, u dan ghar-ragunijiet li gejjin:*

1. *Fl-ewwel lok, in linea preliminary, in kwantu l-lament huwa dwar allegata ingurja, in kwantu li t-talba hija ghall-kundanna ta' danni morali, b'riferenza ghall-artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta, u peress illi ai termini tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta,*

*f'azzjonijiet ta' ingurja, l-ammont massimu li jista' jigi moghti ghal danni morali huwa ta' hamest elef euro (€5,000), din l-Onorabbli Qorti ma hijiex kompetenti ratione valoris illi tidderimi t-talba odjerna;*

2. *Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-konfront tal-intimat hawn esponenti, ma jezistux l-elementi u rekwiziti mehtiega mil-ligi biex l - azzjoni rikorrenti tirnexxi;*

3. *Fit-tieni lok, bla hsara ghas-suespost, ma huwiex minnu illi l-esponenti immalafama jew b' xi mod ingurja lir-rikorretni;*

4. *Fir-raba' lok, mighajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma infondati filfatt u fid-dritt.*

*B' riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-intimat esponenti, u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat ir-risposta tal-konvenuta Annabelle Grech pprezentata nhar il-21 ta' Jannar 2019 fejn ecceppiet illi:

1. *Illi l-esponenti la pprestat taghrif falz jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u lanqas ma ghamles xi 'pressjoni' fuq l-espert gudizzjarju Andreana Gellel bil-hsieb li tinfluwixxi fuqha billi kif qed jigi allegat 'immalafamat' lill-istess rikorrenti.*

   *Il-lanjanza tar-rikorrenti fis-sens illi l-esponenti 'geghlet' lill-espert tal-Qorti 'temmen' haga jew ohra hija ghal kollox gratuwita u minghajr ebda bazi.*
2. *Bir-riserva esperess ta' eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2019 il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Hubert David Grech;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-imsemmija eccezzjoni preliminari dwar l-inkompetenza rationae valoris ta' din il-Qorti waqt l-udjenza tal-20 ta' Frar 2019;

Rat illi l-partijiet qablu fl-istess udjenza tal-20 ta' Frar 2019 illi l-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut Hubert David Grech;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza parzjali;

Ikkunsidrat;

Illi din hija sentenza li qed tinghata biex tigi determinata l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Hubert David Grech fir-risposta tieghu ghar-Rikors promotur. Din l-eccezzjoni tghid hekk:-

"*Fl-ewwel lok, in linea preliminari, in kwantu l-lament huwa dwar allegata ingurja, in kwantu li t-talba hija ghall-kundanna ta' danni morali, b'referenza ghall-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta, u peress illi ai termini tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta, f'azzjonijiet ta' ingurja l-ammont massimu li jista' jigi moghti ghal danni morali huwa ta' hamest elef euro (€5,000), din l-Onorabbli Qorti ma hijiex kompetenti rationae valoris illi tidderimi t-talba odjerna.*"

Din l-eccezzjoni hija bbazata fuq dak mitlub espressament mill-attrici fir-Rikors promotur, liema talba, testwalment, hija ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tar-rikorrenti ta' dik is-somma stabbilita mill-Qorti "bhala danni morali ghall-ingurja gravi subita, u dan a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta." Waqt it-trattazzjoni, l-abbli difensur tal-konvenut ifisser li peress li l-parametri tat-talba tal-attrici gew cirkoskritti espressament ghall-hlas tad-danni morali ghall-ingurja, liema danni f'kaz ta' ingurja ma jistghux jeccedu f'kull kaz is-somma ta' €5,000, it-talba tinoltra l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati cirkoskritti mill-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din l-eccezzjoni ssib il-fondament taghha fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u Malafama, introdott bis-sahha tal-Att XI tal-2018 b'effett mill-14 ta' Mejju 2018[1]. L-azzjoni odjerna, li giet istitwita fis-27 ta' Novembru 2018, hija regolata b'dan l-Att il-gdid (l-Att) li simultanjament hassar l-Att dwar L-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta). L-Artikolu 9 tal-Att jipprovdi hekk:-

**9.** *Fi proċeduri mibdija skont dan l-Att, il-Qorti tista' tordna lill-konvenut iħallas somma mhux aktar minn ħdax-il elf sitt, mija u erbgħin euro (€11,640) bħala danni morali flimkien ma' danni reali taħt kwalunkwe liġi li tkun fis-seħħ:*
*Iżda f'azzjonijiet ta' inġurja, l-ammont massimu li għandu jiġi mogħti għal danni morali huwa ta' ħamest elef euro (€5,000).*

L-Artikolu 3(2) b'referenza ghall-proceduri li jistghu jigu istitwiti taht l-Att msemmija fl-Artikolu 9, jipprovdi hekk:-

**3(2)** *Stqarrijiet diffamatorji joħolqu azzjoni ta' libell quddiem il-qorti kompetenti u d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jirrigwardaw azzjonijiet ippreżentati quddiem il- Qrati Ċivili għandhom japplikaw għal tali azzjoni.*

Ghalkemm il-ligi taghmel referenza espressa fis-subartikolu appena citat, ghal azzjoni ta' libell u ma hemmx disposizzjoni simili fl-Att dwar l-azzjoni ghal ingurja, huwa evidenti minn qari holostiku tal-Att illi l-proceduri li jistghu jigu mibdija taht l-Att huma proceduri ghal malafama, liema kuncett jinsab definit espressament hekk mil-ligi fl-Artikolu 2:

*"malafama" tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja;*

Ikkunsidrat;

[1] Avviz Legali 150 tal-2018.

Jigi osservat qabel xejn illi l-Att ma jipprovdix illi azzjonijiet ta' malafama huma kompetenza esklussiva ta' xi qorti jew tribunal partikolari; il-Ligi fir-rigward taghmel referenza ghall-"*qorti kompetenti*"[2], u ghal din il-Qorti din hija referenza evidenti ghall-fatt illi minn zmien ghal zmien jista' jkun hemm iktar minn qorti wahda li hija kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-azzjonijiet ghal malafama li jigu istitwiti taht dan l-Att. Dan diversament mill-azzjoni ghal dritt ta' risposta[3], liema azzjoni l-Att jiddisponi espressament li hija kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Magistrati fil-gurisdizzjoni civili taghha, minkejja illi l-penali massima li l-qorti tista' taggudika a favur tar-rikorrent f'din l-azzjoni, hija ta' €2,000.

Huwa ghalhekk evidenti li fejn il-legislatur ried li xi azzjoni *ad hoc* tkun il-kompetenza esklussiva ta' qorti partikolari, huwa fisser dan *expressis verbis*, bl-istess mod li sar fid-dispozizzjonijiet transitorji tal-Artikolu 25 tal-Att, riferibbilment ghal dawk il-kawzi mibdijin taht l-Att dwar l-Istampa u li, fid-data tad-dhul fis-sehh tal-Att il-gdid, kienu ghadhom pendenti:-

*Iżda mhux aktar tard mit-tieni smigħ fil-qorti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att ta' kwalunkwe każ li jinvolvi każ ċivili għal malafama li fil-ħin li daħal fis-seħħ dan l-Att ikun għadu għaddej u ma tħalliex għas-sottomissjonijiet finali jew għad-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha, dik il-Qorti għandha mutatis mutandis tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(2).*

Hawnhekk il-legislatur jirrikonoxxa li l-kawzi pendenti taht l-Att dwar l-Istampa kienu jirrientraw fil-kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Magistrati fil-gurisdizzjoni civili taghha, kif definiti fid-data tal-14 ta' Mejju 2018[4], izda dan huwa tabilhaqq dovut ghall-fatt illi taht l-Att imhassar, il-limitu tad-danni morali aggudikabbli ghal entrambe malafama u ingurja, kien ta' €11,646.87 fiz-zewg kazijiet. Illum bid-dhul fis-sehh tal-Att il-gdid, il-legislatur naqqas b'iktar min-nofs id-danni morali ghall-ingurja ghas-somma ta' €5,000, bil-konsegwenti

[2] Artikolu 3(2).
[3] Artikolu 15.
[4] Skont l-Artikoli 47 u 56A tal-Kapitolu 12.

htiega li r-referenza fil-ligi tkun ghall-"qorti kompetenti" appuntu ghaliex skont il-ligi in vigore llum, id-differenza fil-valur bejn danni morali ghal-libell u danni morali ghall-ingurja, tincidi fuq il-kompetenza tal-qorti *rationae valoris*.

Fil-fehma tal-Qorti, it-tfassil tal-Att bir-referenza ghall-"qorti kompetenti", maghdud mieghu il-fatt li d-distinzjoni unika li l-Att jaghmel bejn l-azzjonijiet dwar malafama, hija fil-hlas tad-danni morali aggudikabbli skont jekk l-azzjoni hijiex wahda ta' libell jew ta' ingurja[5], ifisser ukoll illi l-kompetenza ta' qorti wahda jew ohra f'azzjonjiet dwar malafama, m'hijiex eskluza *rationae materiae* izda biss, jekk xejn, *rationae valoris*.

Il-Qorti tqis illi effettivament, ma hemm xejn fil-ligi li jeskludi li azzjonijiet li huma fondati espressament fuq allegazzjoni ta' ingurja *ut sic* minghajr ebda kwalifika ulterjuri, jirrientraw fil-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Wara kollox, it-Tribunal imwaqqaf bl-Att V tal-1995[6], wara l-emendi l-iktar recenti tal-Att XIV tal-2016, ghandu kompetenza, radikata mis-subinciz (2) tal-Artikolu 3, li tiffakoltizzah biex "jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn hamest elef Euro". Dan huwa rifless fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 56A tal-Kapitolu 12 li jipprovdi:-

**56A.** *Minkejja kull dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi* <u>*l-qrati inferjuri ma għandhomx jieħdu konjizzjoni ta' xi talba li taqa' fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar*</u> *imwaqqaf taħt l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar*. [enfasi tal-Qorti]

Il-qrati inferjuri, skont l-Artikolu 47 tal-Kap. 12, b'referenza specifika ghall-Qorti tal-Magistrati (Malta), jiddeciedu "*l-pretensjonijiet kollha*" sal-ammont ta' €15,000. Il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn in-natura tal-pretensjoni u ghalhekk, huma biss il-pretensjonijiet li jissemmew fis-subinciz (3) tal-Artikolu

[5] Artikolu 9 tal-Att.
[6] Kapitolu 380.

47 li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) m'ghandhiex il-kompetenza li tiddeciedi. Jekk wiehed kellu jieqaf hawn, l-azzjonijiet taht il-Kapitolu 579 jinstemghu u jigu decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)[7]. Madankollu skont l-Artikolu 56A tal-Kap. 12, din il-Qorti m'ghandhiex tisma' u tiddeciedi kawza li taqa' fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

L-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn kawzi civili u kummercjali u ta' xorti'ohra. Hi ligi specjali li tapplika ghat-talbiet <u>kollha</u> ta' flus. Kieku l-intenzjoni tal-legislatur kienet li fil-kliem "*it-talbiet kollha ta' flus*" jeskludi kawzi ta' taht l-Att dwar il-Midja u Malafama, kien jaghmel rizerva espressa f'dik il-ligi kif ghamel fis-subartikolu (5) tal-Artikolu 3 tal-Att imsemmi, fir-rigward ta' kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar propjeta ta' beni immobbli ghad li t-talba ma tkunx tiskorri hamest elef Euro (€5,000), u kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli, liema kawzi ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal[8].

Ferm il-permess, il-Qorti ma tqisx illi l-fatt *ut sic* illi din l-azzjoni hija wahda mibdija taht l-Att XI tal-2018, ossia azzjoni ta' malafama, li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma huwiex kompetenti biex jiehu konjizzjoni tal-azzjoni jekk din tkun imfassla b'mod li hija fondata fuq premessa unika ta' ingurja skont kif imfissra fl-istess Att, jew jekk f'azzjoni ta' libell, il-kwantum tad-danni mitlub jigi limitat espressament ghal ammont li jirrientra fil-kompetenza tal-imsemmi Tribunal rationae valoris.

Ikkunsidrat;

---

[7] M'huwiex car ghall-qorti ghaliex issir referenza fl-Artikolu 10 tal-Att, ghal "risposta guramentata" meta kjarament, il-kompetenza *rationae valoris* ta' azzjonijiet ghal malafama m'hijiex tal-qrati superjuri, jekk mhux ghaliex dan kien lapsus tal-legislatur.

[8] **GasanMamo Insurance Limited vs Sullivan Maritime Limited**, deciza mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri], fl-14 ta' Mejju 2018.

Fir-Rikors promotur, l-attrici fissret li hija hasset ruhha malafamata permezz ta' kliem u diskors li ntqal mill-konvenuti (i) f'telefonata li saret mill-konvenut Hubert David Grech lill-Agenzija Appogg, kif ukoll (ii) waqt inkontru bejn il-konvenuti u Andreana Gellel, fejn il-konverzazzjoni li saret giet registrata.

Il-Qorti tqis illi ghad-determinazzjoni tal-eccezzjoni tal-konvenut in dizamina, galadarba gie stabbilit illi t-talba ghall-hlas tad-danni morali ghall-ingurja *ut sic* tirrientra fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, huwa mehtieg qabel xejn illi jigi stabbilit jekk ix-xorta ta' malafama imfissra mill-attrici fit-termini tar-Rikors promotur, taghti lok ghal azzjoni ta' libell jew azzjoni ta' ingurja. Dan ghaliex jekk jirrizulta illi l-azzjoni hija wahda ta' ingurja fejn il-Qorti ma tistax taggudika danni morali f'somma li teccedi dik ta' €5,000, din tkun tezawtora mill-kompetenza *rationae valoris* ta' din il-Qorti.

Skont id-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 2 tal-Att, ingurja "*tfisser malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizja bil-fomm", filwaqt illi l-libell huwa definit mill-istess Artikolu bhala "malafama permezz ta' pubblikazzjoni*".

Huwa manifest illi biex kliem malafamanti jitqiesu bhala libell jew ingurja, jehtieg li l-kliem jigi ppubblikat, u l-pubblikazzjoni hija ghalhekk element essenzjali tal-azzjoni. Effettivament biex tkun azzjonabbli taht l-Att, jehtieg illi l-malafama ssir permezz ta' att li bih (i) kitba jew stampat, cioe` midja mitkuba, "tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni", li taghti lok ghal azzjoni ta' libell, jew (ii) kliem jew immaġni viżwali jigu disseminati[9], li jaghtu lok ghal azzjoni ghal ingurja.

Fil-kaz odjern, huwa evidenti li l-malafama percepita mill-attrici kwantu jirrigwarda d-diskors ossia <u>kliem</u> li sar fit-<u>telefonata</u> mertu tal-kaz, ma saritx permezz ta' midja miktuba kif imfisser fl-Att u, talanqas kif imisser mill-attrici

[9] "midja miktuba" tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici *online* kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz *offline* mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti.

fir-rikors promotur, lanqas ma jirrizulta li dan il-kliem gie b'xi mod ippubblikat. Ghalkemm jista' jkun li f'dan il-kaz, it-telefonata hija suxxettibbli ghall-pubblikazzjoni ghaliex setghet giet rekordjata, f'dan il-kaz il-Qorti ma tqisx li kien hemm "pubblikazzjoni" tal-kliem li ntqal fit-telefonata, fis-sens imfisser mil-ligi fl-Att XI tal-2018[10].

Effettivament, il-legislatur ghazel illi jaghmel distinzjoni netta bejn "midja mitkuba" u "kliem/immagini vizwali" ghall-finijiet tal-element tal-pubblikazzjoni rikjesta biex il-malafama tkun azzjonabbli taht l-Att, ghaliex filwaqt illi fil-kaz ta' midja miktuba, l-element tal-pubblikazzjoni huwa sodisfatt anke jekk il-kitba jew stampat tista' tkun komunikata jew giet komunikata anke lil persuna wahda, fil-kaz ta' kliem jew immagini vizwali jehtieg li dawn ikun gew effettivament "*disseminati*". Ghall-Qorti, l-uzu tal-kelma "disseminazzjoni" mil-legislatur fil-kuntest ta' kliem, sar bl-intenzjoni specifika illi dan il-mezz jigi differenzjat mill-mezz tas-semplici komunikazzjoni jew gharfien lil terzi persuni li jenhtieg li jigi ppruvat fil-kaz ta' midja miktuba. Il-korollarju ta' dan huwa illi, biex l-ingurja tkun azzjonabbli taht l-Att, il-kliem jehtieg illi jigi komunikat lil iktar minn persuna wahda.

Il-Qorti tqis ukoll illi r-referenza li saret mill-attrici ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras** ma tistax issib riskontru fil-kaz tal-allegata malafama li saret bil-mezz tat-telefonata, ghaliex il-konsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-element tal-pubblikazzjoni, saru fl-isfond u fil-kuntest ta' kitba stampata u mhux kliem, fejn ghalhekk il-komunikazzjoni jew gharfien lil persuna wahda giet meqjusa bhala sufficjenti biex tissodsifa l-kritjeru ta' pubblikazzjoni. Il-Qorti kienet qalet hekk fir-rigward:-

[10] "pubblikazzjoni" tfisser kwalunkwe att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għallgħarfien ta' xi persuni jew li bih kliem jew immaġni viżwali jiġu disseminati;

"*Stampat jigi ppublikat anke jekk jigi komunikat jew imgharraf lil persuna wahda.*"

Minn dan huwa evidenti li m'huwiex rikjest l-element tad-disseminazzjoni jew xandir fir-rigward ta' kliem stampat li jigi allegat li huwa malafamanti. Dan isahhah il-fehma tal-Qorti illi fin-nuqqas ta' disseminazzjoni tal-kliem fil-kaz ta' kliem mhux bil-mezz stampat, wiehed ma jistax jitkellem fuq pubblikazzjoni[11].

Gatley jaghti dan l-ezempju:

"*The defendant may speak the words to X, knowing or intending that X will publish them in written form. If X does so, that does not mean that the initial publication to X was libel, but the defendant may be liable for the further publication of a libel by X.*"[12]

Izda f'dan il-kaz, il-kliem li setghu gew rekordjati fit-telefonata li s'intendi saret bejn tnejn min-nies u kwindi mill-konvenut lil terza persuna wahda, ma jirrizultax, talanqas mill-atti disponibbli sal-lum lill-Qorti, li ntqal bil-hsieb li jigi ppublikat u ma jirrizultax lanqas li gie publikat. Fil-fatt, ma hemm ebda prova li din it-telefonata giet effettivament rekordjata. Il-Gatley jghid illi:-

"*... telephonic communication via the internet (unless perhaps in the form of a conference call involving more than two persons) would seem to be indistinguishable from a landline or cell-phone call and hence would be slander, notwithstanding the theoretical possibility that a record of the communication might be recovered.*"[13]

Minn dan, il-Qorti fehmet li l-azzjoni in kwantu xi kliem malafamanti li seta' ntqal fit-telefonata msemmija fir-Rikors promotur, ma tista' qatt titqies, talanqas f'dan l-istadju, li hija wahda ta' libell, izda jekk xejn, ingurja. Ghaldaqstant, in kwantu ghad-danni morali li intalbu specifikatament mill-

[11] Lord Penzance f'**Capital and Counties Bank vs Henty**, qal hekk: "*A libel doesnot require publication to more than one person.*" (1882) 7 A.C. 741 @ 756. Imbaghad, a fol. 102 [3.6] jghid: "Defamation published by spoken word or in some other transitory form is slander."

[12] Page 107, 3.9: Gatley on Libel and Slander (2012).

[13] Pagna. 112 [3.12]

attrici fir-Rikors promotur minghajr ebda referenza ghal xi danni materjali taht xi ligi ohra, ma jistghu qatt ikunu dawk imsemmija fl-ewwel parti tal-Artikolu 9, cioe` danni sa limitu ta' €11,640.

Barra minn hekk, jekk jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-mertu, illi wara kollox il-kliem li ntqal fit-telefonata kien malafamanti fil-konfront tal-attrici u jigi sodisfatt l-element ta' pubblikazzjoni, id-danni morali ma jistghu qatt jeccedu s-somma ta' hamest elef Euro. Konformement, l-azzjoni odjerna, limitatament kwantu ghall-kliem li ntqal fit-telefonata, tista' tinkwadra biss bhala wahda ghal ingurja u wahedha, tezawtora mill-kompetenza ta' din il-Qorti.

Ikkunsidrat;

Rigward l-inkontru, jinghad illi min ikun qal xi kliem malafamanti fil-konfront tal-attrici waqt dan l-inkontru, jista' jkun responsabbli f'azzjoni ghal libell f'kaz li jirrizulta li huwa kellu l-hsieb jippubblika dan il-kliem malafamanti jew naqas milli jiehu mizuri ragjonevoli biex jipprevjeni l-pubblikazzjoni.

Effettivament, fil-kaz odjern, id-diskors allegatament malafamanti li, skont l-attrici, sar mill-konvenuti lil Andreana Gellel waqt l-inkontru, gie ippubblikat ghaliex gie traskritt f'forma stampata (esebita mar-Rikors promotur), liema stampat evidentement gie ghall-gharfien ta' iktar minn persuna wahda, ghaliex oltre li giet a konjizzjoni tal-attrici, waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur tal-attrici issottometta illi kopja ta' din it-traskrizzjoni giet esebita minn zewg l-attrici, il-konvenut Hubert David Grech, fl-atti tal-kawza ta' separazzjoni bejniethom. Ma jirrizultax min ghamel ir-recording u t-traskrizzjoni tal-inkontru, izda f'dan l-istadju il-konstatazzjoni ta' dan il-fatt mhuwiex mehtieg ghad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti.

It-traskrizzjoni tad-diskors li ntqal waqt l-inkontru, iqieghed il-kliem allegatament malafamanti li seta' ntqal waqt dan l-inkontru, f'perspettiva ghal

kollox differenti mill-kliem malafamanti li seta' ntqal waqt telefonata bejn tnejn min-nies, minkejja l-possibbilita` li din tal-ahhar giet rekordjata. Il-Qorti tqis illi jekk it-traskrizzjoni stampata f'dan il-kaz giet ippublikata lil persuna wahda biss, dan jaghti lok ghal azzjoni ta' libell. Sahansitra gie ritenut illi kliem malafamanti li jintqal deliberatament fuq mezzi electro-magnetici, manifestament isarraf f'libell[14]. Infatti, il-Gatley jaqbel illi taht il-Libel and Defamation Act 2013, *publication of defamatory matter in a permanent form is libel.*

Ghalkemm f'dan il-kaz il-publikazzjoni tat-traskrizzjoni setghet kienet limitata – fattur li jrid jigi epurat waqt it-trattazzjoni tal-mertu u huwa pertinenti ghall-ammont tad-danni likwidabbli – ma jistax jigi negat illi l-kliem stampat gie pubblikat kif trid il-ligi sabiex tiskaturixxi azzjoni ta' libel taht l-Artikolu 3 tal-Att, ghaliex il-Qorti fehmet li dan gie a konjizzjoni ta' mill-anqas persuna wahda.

Fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tistax teskludi f'dan l-istadju illi talanqas it-traskrizzjoni f'forma stampata tal-kliem fid-diskors li sar waqt l-inkontru bejn il-konvenuti u Andreana Gellel, liema kliem l-attrici tallega li huwa malafamanti fil-konfront taghha, huwa libell, anke jekk s'issa ghad ma jirrizultax min ittraskriva d-diskors u ma jirrizultax kjarament x'intenzjoni kien hemm wara t-traskrizzjoni. Jekk in effetti, kif sostna l-avukat tal-attrici matul it-trattazzjoni, din it-traskrizzjoni giet esebita fl-atti tal-kawza civili bejn il-partijiet, dan diga` fih innisfu huwa bizzejjed biex jeskludi l-konkluzjoni li d-diskors allegatament malafamanti li sar fl-inkontru, ma jaghtix lok ghal azzjoni ta' libell.

Ikkunsidrat;

[14] Cooper v. Turrell [2011] EWHC 3268 (QB), fejn il-konvenut kien irrekordja diskussjonijiet konfidenzjali u sussegwentement ippubblikahom.

L-abbli difensur tal-konvenut Hubert David Grech, matul it-trattazzjoni tal-eccezzjoni in dizamina, issottometta illi fi kwalunkwe kaz, it-talba tal-attrici kif imfassla fir-Rikors promotur hija limitata ghall-hlas tad-danni ghall-"ingurja gravi subita" minnha, u mkien ma gie accennat fl-istess Rikors li l-malafama allegatament subita mill-attrici tikkonsisti f'libell. L-abbli difensur tal-konvenut kompla jsostni illi din il-Qorti hija marbuta bil-parametri tat-talba attrici kif impostata, u billi f'dan il-kaz it-talba hija espressament u esklussivament limitata ghal danni morali dovuti ghall-ingurja allegatament subita mill-attrici, il-Qorti ma tistax, f'kaz ta' ezitu pozittiv ghall-attrici, tordna l-hlas tad-danni morali f'somma li teccedi €5,000.

Huwa minnu illi fit-talba taghha l-attrici titlob il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni morali naxxenti mill-"ingurja gravi subita", izda kif stabbilit, il-Qorti ma ssibx illi din l-azzjoni hija wahda esklussivament ta' ingurja. L-Artikolu 9 li saret referenza ghalih fit-talba tar-Rikors promotur bhala d-dispozizzjoni legali li tohloq id-dritt ghall-hlas tad-danni morali f'azzjonijiet ta' malafama mibdija taht l-Att XI tal-2018, ma jaghmilx referenza esklussivament ghal azzjonijiet ta' ingurja ghaliex "il-proceduri mibdija taht l-Att", kif rajna, huma azzjonijiet ghal libell u azzjonijiet ghal ingurja (oltre ghal azzjoni *ad hoc* ghal dritt ta' risposta).

Effettivament, huwa evidenti wkoll minn qari tal-korp tar-Rikors promotur, jirrizulta immedjatament illi l-attrici ma tillimitax il-malafama allegatament subita minnha, ghall-ingurja, izda tghid illi l-konvenuti mmalafamawha billi, *inter alia*, holqu jew gieghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza li jista' 'l quddiem jiswa bhala prova kontra taghha. Ghalhekk, mhuwiex minnu illi l-attrici llimitat l-azzjoni taghha ghall-ingurja, ghaliex il-parametri tal-azzjoni, galadarba gew imfissrin bit-terminu iktar estensiv tal-malafama, huma wiesa' bizzejjed biex il-Qorti tista' taggudika sew fuq danni morali ghall-ingurja kif ukoll ghal-libell jekk, ovvjament, jikkonkorru l-elementi kollha fil-kaz partikolari biex il-malafama subita jista' jitqies bhala libell.

Wara kollox, din il-Qorti bhala Qorti tal-Magistrati (Malta) hija munita specifikatament mil-ligi bis-setgha illi, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, izda jigi ppruvat jedd iehor, ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, tista' tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi d-danni hekk mitluba mill-attrici ma jezawtorawx mill-kompetenza ta' din il-Qorti; anzi din il-kompetenza hija radikata skond it-termini precizi tar-Rikors promotur, termini li talanqas parzjalment, certament jirrientraw fil-qafas tal-Artikolu 3(2) surreferit.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tiddikjara li hija kompetenti rationae valoris sabiex tiehu konjizzjoni tal-azzjoni attrici, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Hubert David Grech u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Minhabba n-novita` tal-materja, l-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Dr Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**